Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 142 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Norbert Ciappara

Vs

Jeffrey Zammit

Illum 26 ta' Ottubru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jeffrey Zammit detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 396771 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. fit-13 ta' Ottubru 2002 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 / 1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-

Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 / 1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 8 (illum ir-Regolament 9) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra

tieghu u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u ikkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mija u hamsin Euro (€650).

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma saritx talba mill-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti f' dawn il-proceduri, kif kien jirrikjedi l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 fiz-zmien tal-kaz odjern, il-Qorti ma ikkundannatx lill-hati ghall-hlas ta' tali spejjez.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap. 101, ordnat l-konfiska tas-somma ta' tletin Lira Maltin (Lm30), formanti parti minn Dokument JJF, favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt illi ordnat r-rilaxx favur il-hati tas-somma ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) u tal-*mobile phone* ukoll formanti parti mill-istess Dokument JJF.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jeffrey Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel s-Sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti ghal dik li hija sejbien ta' htija u tiddikjara lill-appellanti mhux hati tal-akkuzi lilu addebitati, subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespont l-appellanti jitlob li l-istess sentenza tigi riformata kwantu ghal piena u dana billi taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti:

1. L-ewwelnet irid jinghad Ii d-droga li giet fuqha l-espert ghamel l-analizi tieghu u li fuqu finalment irid jigi gudikat ir-rikorrenti ma kienitx id-droga esibita f'dawn l-Atti. Ghalhekk hemm element krucjali nieqes li wahedha ghandha twassal ghal liberatorja.

2. It-tieni nett irid jinghad li l-akkuzi in mertu jistriehu fuq cirkostanzi relatati ma' meta nstabet id-droga u l-kredibilita' tax-xhud Joseph Scicluna.

3. L-appellanti jikkontendi li ghandu jitwemmen hu u mhux Joseph Scicluna. Il-fatt li Joseph Scicluna kien konsistenti ma tfisser xejn billi kien konsistentement mhux qed jghid il-verita' — u din saret proprju sabiex jiskulpa ruhu fl-akkuzi migjuba direttament kontrih. L-artikolu 638 (2) al finijiet ta' kredibilita' ta' xhud wiehed jindika li l-kondotta u karattru ta' xhud ghandha titqies in konsiderazzjoni. Fl-umli fehma tal-esponenti ma nghatax bizzejjed piz lill-fatt illi dan ix-xhud (il-pern ta' kollox) ghalkemm debitament notifikat ma deherx il-Qorti biex jixhed ghal diversi snin.

4. Illi apparti dan il-fatt irrizulta wkoll li si tratta proprju ta' droga tant zghira li fil-kaz tal-kokajina kien hemm biss tracci li lanqas biss setghu nghataw piz.

5. Naturalment ukoll hemm il-fatt li il-kawza ilha pendenti mill-2002.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq il-lanjanzi tieghu fir-rigward id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni addebitata lilu dwar r-reat tat-traffikar tad-droga kokajina billi iqies illi l-Ewwel Qorti malament sabet ir-reita' meta id-droga ma kenitx esebieta fil-kawza, izda f'kawza ohra u ukoll billi sar apprezzament zbaljat meta l-Ewwel Qorti tat affidament lix-xhieda ta' Joseph Scicluna u skartat dik ta'l-appellanti u tax-xhud imressqa minnu.

Kwindi huwa evidenti illi dan l-appell jikkoncerna biss konsiderazzjonijiet dwar is-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti u cioe' dik fejn huwa gie mixli bir-reat tat-traffikar tad-droga kokajina.

Issa minn ezami ta'l-*iter* processwali f'dan il-kaz li dam ghaddej 'il fuq minn ghaxar snin, huwa evidenti illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn ta'l-ewwel akkuza hija fil-fatt ix-xhieda guramentata moghtija minn certu Joseph Scicluna quddiem l-Inkwirenti u ix-xhieda sussegwenti moghtija fil-Qorti fejn huwa rega' tenna dak li kien stqarr f'dik ix-xhieda guramentata.

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."***

Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:
***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."***

Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah *pre-trial stage*), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi. Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi **"... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu** ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings***[1]**"**

Issa minn ezami ta'l-atti johrog illi dawn ir-regoli imfassla kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza gew segwiti sabiex b'hekk id-deposizzjoni ta' Joseph Scicluna hija wahda b'sahhitha u ma tistax tigi attakkata bhala wahda inammissibbli. Issa l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni moghtija lilha skont il-ligi setghet legalment u fattwalment taccetta l-verzjoni ta' dan l-uniku xhud bhala wahda kredibbli u li taghti stampa tal-verita, dan dejjem bil-kawteli li jindika l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali. Issa minn ezami tas-sentenza impunjata jidher illi l-Ewwel Qorti b'kawtela kbira qieset din ix-xhieda, izda mhux biss, hija ezaminat ukoll b'reqqa

[1] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

kbira id-deposizzjoni kemm ta'l-appellanti kif ukoll tax-xhud Diane Lebrun u tal-ufficjali tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni. Illi din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma tistax issib mottiv wiehed li jista' igieghlha titbieghed minn dan l-ezami approfondit u ezercizzju akkurat ta' valutazzjoni ta'l-atti probatorji. Dan ghaliex kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti mhux biss jidher illi Joseph Scicluna kien dejjem konsistenti fit-tlett verzjonijiet illi huwa ta f'dan l-*iter* processwali, u cioe' kemm meta interrogat mill-pulizija mal-arrest tieghu, kif ukoll meta jixhed quddiem l-Inkwirenti u finalment meta jerga jixhed fil-Qorti, izda ukoll ghax dan jikkontrasta bis-shih mal-mod kif jiddeponi l-appellanti, kif tajjeb tindika l-ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet li wassluha ghas-sejbien ta' htija, li din il-Qorti a skans ta' repetizzjoni mhijiex ser terga' telenka. Jinghad biss illi l-appellanti ma jitwemminx meta jishaq illi kien hu li ser jixtri id-droga minn ghand Sciluna u mhux vice-versa, mhux biss ghax huwa kellu fuqu l-ammont ta' Lm40 li allegatament jistqarr illi Scicluna tallbu ghad-droga u li allura seta' ihallsu bihom kieku din il-verzjoni kienet veritjiera, izda ukoll ghax ma jitwemminx meta ighid illi ma setax jaghtih l-Lm10 zejda li tallbu ghax ried imur jiehu kafe Tas-Sliema mat-tfajla tieghu meta skontu kienet l-istess tfajla li kienet ghaddietlu ftit hin qabel nizel mill-karozza din l-Lm10. Din il-Qorti temmen izda li fil-fatt l-ammont ta' Lm30 biss instabu fuq il-persuna ta'l-appellanti filwaqt li l-Lm10 l-ohra instabu fil-vettura ghaliex dawk it-Lm30 kienu proprju il-flus li kien ghadu kemm ghaddielu Scicluna ghad-droga li kien bieghhlu l-istess appellanti u li hu rema fl-art hekk kif gew il-pulizija fuqu biex jarrestawh.

Illi allura f'dan il-kwadru tal-fatti u tenut kont illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha tara illi x-xhieda ta' Scicluna hija wahda kredibbli u verosimili, qajla hemm ghalfejn jitqies l-ewwel aggravvju intentat mill-appellanti dwar l-esebizzjoni o meno tad-droga kokajina, marbuta mal-ewwel imputazzjoni, fl-atti billi din il-Qorti tista' tistrieh fuq ix-xhieda ta' Scicluna li jistqarr illi huwa kien xtara id-droga kokajina minn ghand l-appellanti f'iktar minn okkazzjoni wahda.

Fi kwalunkwe kaz, lanqas ghandu ragun l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnu intentat billi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006 u fuq talba tal-Prosekuzzjoni giet

esebita id-droga mertu tal-kaz li kienet esebieta fil-kawza pendenti kontra Joseph Scicluna, liema esebiet iggib in-numru S/B/124/05, u liema droga giet ezaminata mill-espert nominat l-ispizjar Mario Mifsud fejn fl-ammont ta' 0.08gramma trab instabu tracci tad-droga kokajina biex b'hekk gie stabbilit illi d-doza mibjugha mill-appellanti lil Scicluna kienet tad-droga kokajina li kellha purita baxxa. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi finalment l-appellanti ukoll talab rikonsiderazzjoni fil-piena fuqu inflitta subordinatament ghall-ewwel zewg aggravvji fil-mertu minnu intentati u li b'dak hawn fuq premess qed jigu michuda. Issa l-appellanti wehel il-piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' 650 ewro ghar-reati li dwarhom instabet htija fil-minimu assolut, tant illi din il-Qorti qajla tista tara kif tista' tvarja tali piena. Dan apparti l-fatt illi l-appellanti ma iressaqx mottiv wiehed li jista' igieghel lil din il-Qorti titbieghed mill-kalibrazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti u ma hijiex fil-manzjoni rimessa f'idejha li toqghod tfittex xi mottivazzjoni hija stess.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(FT)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur